# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 6 ta' Ġunju 2023**

**Talba numru 335/2022 SFJ**

**GASAN MAMO INSURANCE LIMITED (C 3143)**

**vs.**

**STEPHEN MICHAEL LAUTIER (KI 817518 L)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

1. Bejn is-sena 2019 u s-sena 2020, is-soċjeta' kienet ħarġet polza tal-assigurazzjoni tat-tip Third Party Only fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SUE 503, proprjeta' ta' Paul Christopher Hay, u dan skond kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni li kopja tiegħu qiegħed jiġi hawn anness u esebit bħala DOK GMI1;

2. Matul dan il-perjodu, l-imsemmija vettura kienet involuta f'inċident awtomobilistiku, li fih kienet involuta karozza oħra bin-numru ta' reġistrazzjoni KLY 171, liema inċident seħħ nhar it-13 ta' Frar 2020 fi Triq ir-Rebħa, Gżira, u dana meta kienet qiegħda tinstaq mill-intimat;

3. Fid-data tal-inċident de quo, l-intimat ma kienx kopert mill-polza tal-assigurazzjoni u dana stante illi huwa ma kienx persuna awtorizzata illi jsuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SUE 503 kif ukoll naqas milli jinforma lill-Awtoritajiet konċernati bit-trasferimenti fuq ismu tal-imsemmija vettura;

4. Sussegwentement, permiezz ta' Lodo mogħti nhar it-8 ta' Novembru 2022, fl-ismijiet Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha, Anthony Zammit, sija bil-polza u sija bil-liġi vs Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143) u b'digriet tad-19 ta' April, 2021, ġie msejjaħ fil-kawża Steven Michael Lautier (K.I. 1817518 L) (Arb. Nru M6143/2021/KCX) it-Tribunal tal-Arbitraġġ sab lill-intimat Steven Michael Lautier unikament responsabbli għall-inċident u għad-danni kollha konsegwenzjali u bid-dritt ta' rivalsa tas-soċjeta' attriċi kontra l-intimat u dan skond ma jirriżulta mil-Lodo, li kopja tiegħu qiegħda tiġi hawn annessa u esebita bħala DOK GMI2;

5. Peress illi s-soċjeta' attriċi kienet obbligata illi tħallas lit-terzi ai termini tal-lodo msemmi, u effettivament hija ħallset lis-soċjeta' Argus Insurance Company (Europe) Limited, is-somma kumplessiva ta' elf, mija u tlieta w tletin ewro u u tmienja w disgħin ċenteżmu (Eur1,133.89) u dan skond ma jirriżulta mid-dokument illi qiegħed jiġi hawn anness u esebit bħala DOK GMI3.

6. Inoltre, is-soċjeta' attriċi ħallset spejjes ġudizzjarji lill-Avukat difensur tagħha fl-ammont ta' mija u ħames ewro u tlieta w ħamsin ċenteżmu (Eur105.53) liema somma tinkludi t-Taxxa fuq il-valur miżjud u dan ai termini tat-taxxa uffiċjali maħruġa miċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u esebita bħala DOK GMI4;

7. Illi is-soċjeta' rikorrenti sa llum sofriet danni komplessivament fl-ammont ta' elf, mitejn u disgħa w tletin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Eur 1,239.42);

8. Għaldaqstant, peress illi l-intimat ġie misjub ħati fl-Arbitraġġ Mandatorju fl-ismijiet Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC-1216) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha, Anthony Zammit, sija bil-polza u sija bil-liġi vs Gasan Mamo Insurance Limited (C-3143) u b'digriet tad-19 ta' April, 2021, ġie msejjaħ fil-kawża Steven Michael Lautier (K.I. 817518 L) (Arb. Nru. M6143/2021/KCX) u in vista tal-ksur tal-polza kif fuq premess, is-soċjeta' attriċi hija intitolata illi tirkupra mingħand l-istess intimat l-ammont ta' elf, mitejn u disgħa w tletin ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Eur 1,239.42) rappreżentanti ammonti minnha sborsati favur terzi in konnessjoni mal-inċident stradali data 13 ta' Frar 2020.

**It-Tribunal ra li l-konvenut ġie notifikat permezz tal-proċedura tal-affisjoni w pubblikazzjoni, u ma ppreżenta l-ebda risposta, avolja notifikat, u lanqas deher fis-seduti.**

## Provi Mressqa w Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christain Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet".

Ra li t-Tribunal kien iddiferixxa is-seduta għat-2 ta' Mejju 2023, sabiex jidher rappreżentant tas-soċjeta' attriċi w jippreżenta l-provi dokumentali kollha li għandu.

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Andrea Bondin għan-nom tas-soċjeta' attriċi, kif ukoll ra d-dokumentazzjoni kollha relattiva li ġiet ippreżentata fis-seduta u in partikolari DOK AB 1 sa DOK AB 14.

Wara li t-Tribunal sema' din ix-xhieda w ra din id-dokumentazzjoni, ma jsibx diffikulta' jikkonkludi illi s-soċjeta' attriċi timmerita illi tiehu l-ammont reklamat skond l-avviż tat-talba.

**<u>Deċide</u>**

F'dan id-dawl tal-fatt, it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elf, elf, mitejn u disgħa w tletin Ewro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Eur1,239.42), rappreżentanti ammonti minnha sburzati favur terzi, in konnessjoni mal-inċident stradali, datat 13 ta' Frar 2022, kif ukoll l-ispejjes kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datati 17 ta' Novembru 2020, u 28 ta' Lulju 2022, kif ukoll il-mandat ta' sekwestru li ġie ntavolat kontestwalment mal-avviż odjern, u interessi legali mid-data tal-preżentata tal-avviż odjern, sad-data tal-ħlas effettiv.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**